L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' wliedna bil-Malti

L-Akkademja tal-Malti tifraħ lis-Segretarju Parlamentari Alex Muscat li wara ħafna talbiet tagħha u tal-pubbliku inġenerali, l-istat qed jagħmilha possibbli li dawk l-individwi li jagħżlu li jagħtu isem Malti lil uliedhom dawn jistgħu jirreġistrawh b'mod korrett.

Sa ftit ilu r-Reġistru Pubbliku ma kienx qed juża t-tipa Maltija. Bit-tibdiliet li saru f'dawn l-aħħar jiem, is-sistema ġiet aġġornata biex tħaddan ittri tal-Malti u għalhekk kull kitba li tinkludi ismijiet Maltin, se tkun tista' tinkiteb u tinqara skont ir-regoli tal-kitba Maltija.

L-alfabett uffiċjali tal-Malti ġie rikonoxxut mill-Gvern Malti 86 sena ilu u kull entità governattiva jew le hija mistennija li tħaddnu u tħaddmu fis-sistemi tagħha.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

26.12.2020

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org